# L-GĦAJN

## KUMMIDJA B'ATT WIEĦED

Min jidher:—

ĠANN, in-nannu ;
TEREŻ, in-nanna, martu ;
ĠUŻEPPA, binthom ;
PAWLU, żewġ Ġużeppa ;
TESSA, ta' xi dsatax il-sena,
TOMMY, tifel ta' xi tlettax il-sena,
MIMMA, tifla ta' xi ħdax il-sena, ulied Pawlu u Ġużeppa;
ĊENSA, iz-zija oħt Pawlu ;
ĠORĠ ġuvni ta' xi wieħed u għoxrin sena, għarus ta' Tessa;
TITINA, kelba.

Kamra tal-ikel b'żewġ bibien, wieħed li jagħti għal kuritur fil-qiegħ tax-xena, u l-ieħor li jagħti għall-kċina n-naħa tax-xellug. Mal-ħajt tal-lemin vetrina taż-żġieġ. In-naħa tax-xellug 'il hemm mill-bieb, xafunier li fuqu hemm sett tal-ikel għadu ġdid bit-tiben imwaħħal miegħu. Mal-ħajt tal-fond, in-naħa tax-xellug mwejda bi tvalja fuqha ; in-naħa tal-lemin żewġ siġġijiet. Pawlu, Ġużeppa, uliedhom u n-nanna Tereż miġburin madwar mejda f'nofs il-kamra jixorbu t-tè wara nofs in-nhar. In-nannu Ġann bil-qiegħda fuq pultruna bejn l-imwejda u x-xafunier b'kikkra tè f'idu.

In-nannu Ġann : Qatra tè tajba l-lejla, ħuh.

Mimma : Ħobż !

Ġużeppa: Ħa. X'ġuħ għandek ! Roddsalib fuq żaqqek

In-nanna Tereż. Ara ma jgħajjnukx, binti. J'Alla dejjem hekk.

Mimma: Daqs kemm għandi żaqqi kbira ! Kif tridni ma nikolx ħafna ?

( Jidħku )

Tessa: ( bid-daħk ): Issa naraw x'tagħmel la tikber.

Pawlu: Mimma ma tkunx belha.

In-nanna: Aħna ma kellniex minn dawn il-ħmerijiet fi żmienna.

Tessa: Kellkom oħrajn.

In-nannu ( lil Tessa ): Li kont binti, tara ! Ommok qatt ma għamlet minn dawn il-psapar·

Tessa: Ihm.

( Iċċempel il-qampiena tal-bieb ta' barra. )

Pawlu: Il-bieb.

In-nannu: Min ġiè ?

Ġużeppa: Mur ittawwal, ara min ġiè Tommy.

(Tommy u Mimma joħorġu jiġru mill-bieb lijagħti għall-passaġġ.)

Tessa: Mhux Ġorġ hux ?

Ġużeppa: Ma nemminx, għadu kmieni.

Tessa: Forsi spiċċa qabel.

In-Nannu ( igorr ): Taħseb fih aktar milli taħseb f'ruħek.

Tessa: Int kont taħseb xejn fin-nanna, nannu ?

Tommy u Mimma ( minn ġewwa ): Hawn iz-zija Ċensa ! Iz-zija Ċensa !

( Kollha jħarsu mdejjqin. )

In-nannu: Ħaqq il-mniegħel ! Kont qiegħed nieħu kik-kra tè bil-qalb.

Tommy: Immur nifthilha, ma ?

Ġużeppa ( Bil-ħeffa ): Le, oqgħod hawn int.

In-nanna: Mur iftaħ int, Pawl.

( Pawlu jqum bil-wieqfa, jaqla mis-sidrija żewġ qrun tad-deheb imsenslin f'tarf ta' katina, u joħroġ mill-bieb tal-fond. In-nannu jixrob malajr it-tè li jkun baqalu u jagħti l-kikkra lil Mimma, li tkun l-aktar ħdejh. )

In-nannu: Ħa, Mimma, agħmilha hemm.

In-nannu: Arma, Ġuż, agħti werqtejn żebbuġ lit-tifla.

(Mimma tqiegħed il-kikkra fuq il-mejda. in-nannu jaqbad it-tvalja minn fuq l-mwejda, jiftaħha fuq irkobbtejh u riġlejh, idaħħal taħtha jdejh ukoll, jintelaq u jagħmel ta' bir-ruħu li ma jiflaħ xejn. Ġużeppa tħaffef lejn ix-xafunier tiegħu minn ġo' fih werqtejn żebbuġ u tagħti werqa kull wieħed lil uliedha. Ftit tas-skiet.)

Ċensa ( Minn ġewwa, lil Pawlu ) : Kelli kwarta żmien, u għidt ngħaddi narakom.

Ġużeppa ( minn taħt l-ilsien. ): Ma nibqgħux nafuhulek.

( Iz-zija Ċensa u Pawlu jaslu. Iz-zija Ċensa mara twila u rqiqa, wiċċha tawwali, subgħajha twal. Għandha xi erbgħin sena. Xagħarha abjad u ħafif. Ixxidd libsa sewda twila sa għarqubha u magħluqa ma għonqha .)

Ċensa: X'hemm ? Kif intom ? Tajbin ?

In-nanna ( Titniehed ). Uh, ma nistgħux inkunu agħar, binti.

Ċensa: Għaliex, għaliex, x'inqalalkom ? ( Lil Pawlu ) Ma rġajtx tlift xi ħaġa fil-kambju hux ?

Pawlu: ( jitniehed ): Irġajt tlift.

Ċensa: Kemm ? Wisq ?

Pawlu: Sikspenz fil-lira.

Ċensa: Daqshekk biss ? sikspenz fil-lira mhux wisq ! Minn wiċċek ħsibtek tlift xi somma sewwa. Rodd ħajr 'l Alla li mhux aktar. Hawn min jitlef l-eluf ! Int ixxurtjat.

( Pawlu jdawwar il-qrun bis-saħna. In-nannu jagħmel il-qrun minn taħt it-tvalja. Tommy u Mimma, li kienu ilhom mill-bidu joqomsu wara zijiethom u jagħmlulha l-qrun, hawn izidu u joniħu wiċċhom biex iżommu d-daħk. Ċensa ddur lejhom għall-għarrieda u għal naqra ma taqbadhomx. Ġużeppa u Pawlu jħarsu lejhom biċ-ċiera u jwessuhom b'għajnejhom. )

Ċensa: Ajma qalbi noqgħod bil-qiegħda, għajejt. Dħalt il-belt ħalli nixtri xi ħaġa mis-suq. Kelli kwarta żmien u għidt ngħaddi narakom.

Ġużeppa: Xi bnazzi qiegħed jagħmel, hux ?

Ċensa: Donnha mhix ix-xitwa.

In-nannu: Hemm bżonn tal-ilma. Ċensa ( lil Tessa ) X'hemm Tess ? Kif inhu l-għarus ?

Tessa: U hekk. ( B'leħen li jfisser,—Mhux tajjeb wisq,) il-lejl li għadda qabditu taħwida ta' l-istonku qawwija.

Ċensa: Miskin. Ma kielx xi ikla sewwa, hux ?

Ġużeppa. Lé, magħna kiel.

Pawlu. Forsi kiel xi pastizz qares.

Ċensa: Ħaġa żgħira

Ġużeppa ( li malli Ċensa bdiet tkellem lil Tessa tkun uriet ruħha mdejjqa mhux ftit ): Tessa, ħu ż-żgħar jagħmlu l-lezzjoni, għax inkella jsir il-ħin u ma jagħmluhiex.

( Tommy u Mimma, li kienu qegħdin jiddevertu ġmielhom minn wara zijethom, iqarrsu wiċċhom )

Tommy: Nagħmluha mbagħad, ma. Mimma: Nilħqu nagħmluha.

Tessa: Isa imxu li ma ngħidilkomx.

Pawlu: Isimgħu minn ommkom.

Ċensa: Eh, brukkuni, tridu taħarbu l-lezzjoni· hux ? Isa, kunu bravi ; busu liz-zija Ċens u morru studjaw.

( Tiġbed it-tfal lejha u tbushom, l-ewwel lil Tommy u mbagħad lil Mimma. )

Ċensa: Binti kemm hi ħelwa !

( Il-kbar kollha jagħmlulha l-qrun minn taħt, u n-nannu jgħid minn taħt l-ilsien: )

In-nannu: Għajnek f'għajni !

Ġużeppa: Ma tiflaħ xejn, miskina, dan l-aħħar.

( Tessa u ħutha joħorġu mill-bieb tal-fond. )

Ċensa: Xejn ma tidher.

In-nanna: Ja ħasra, għadha kif kellha l-ħakk.

Ċensa: U ajma, dat-tfal, dejjem b'xi ħaġa. Sewwa għamlit ma ż-żewwiġtx jien.

Pawlu: Tagħna ma nafx x'daħlilhom. It-tifel ma nafx kif ma farrakx rasu, jumejn ilu. Tgerbeb it-taraġ minn fuq s'isfel.

Ċensa: Ħuh, miskin ! ( tqum bil-wieqfa. ) Ħalli nara mmurx. (Lin-nannu, li kif Ċensa ddur lejh iżomm ġenbu u jokrob. ) X'hemm Ġann, x'inti kwiet illum. Jaqaw ma tiflaħx?

In-nannu: Waslet tagħna.

Ċensa: U ħallik minn dan. Għadek tbigħ is-saħħa. Alla jbierek trid tgħid !

(In-nannu jagħmlilha l-qrun minn taħt it-tvalja b'idejh it-tnejn. In-nanna għal naqra ma tħebbx għaliha. )

In-nannu: Għandi wġiegħ f'ġenbi ma jridx iħallini. (Jerġa jaqbad ġenbu u jqarras wiċċu.) Aħjar nara għandix id-deni. Ġibli l-ħġieġa tad-deni, Pawl, ibni

( Pawlu joħroġ mill-bieb tan-nofs. )

Ċensa: Mela bis-sod ma tiflaħx, Ġanni! Xi tħoss ?

In-nannu (Jokrob, u jgħid b'leħen muġugħ ): Aħ, inħoss uġigħ ma' għadmi kollu.

Ċensa: Ma nagħmlux li ġejja l-influwenza ?

In-nannu: Hekk jidher.

( Pawlu jasal bit-termometru li jnewwel lix-xiħ. Dan jokrob u jqiegħdu f'ħalqu.)

Ċensa: Issa tara kif ma għandek xejn. ( Tilmaħ is-sett tal-fajjenza fuq ix-xafunier. ) Hi, kemm hu sabiħ dak *dinner set* Ġuż ! Ilkom li xtrajtuh ?

Ġużeppa: Xi ġimgħa ilu. Wara li xtrajnieh reġa bdielna.

Ċensa: Għaliex ? Daqs kemm hu sabiħ ! Kemm jogħ-ġobni !

(In-nanna Tereż tersaq bil-qajla l-qajla lejn ix-xafunier tiġbor mill-art werqa żebbuġa li tkun waqet qabel lil Ġużeppa, u titfagħha fuq is-sett.)

Pawlu ( Li sa dan il-ħin ikun ħa it-termometru minn ħalq ix-xiħ.) Ċentottre, pa' ; sgur għandek l-influwenza.

In-nannu: X'aktarx. Ħassejtni ma niflaħx.

Ċensa: Kif centottre' ? Ma rajtx ħażin hux, Pawl ? Ħallini nara. Jien għandi għajnejja tajba.

Pawlu: Le, le daqshekk għandu.

Ċensa (Tmidd idejha): Ġib ħa' nara.

Pawlu: Xi trid tara? Mela jien m'għandix għajnejn?

(Ċensa waslet biex taħtaf it-termometru minn id ħuha. Hu ma jistax jagħmel ieħor, jitlaq it-termometru mal-art bħal li kieku waqalu.)

Ċensa: Kemm int bajtra!

(In-nannu jħares biċ-ċiera, in-nanna tagħmel il-ponn. u Ġużeppa tonfoħ.)

Pawlu: Mhux int?

Ċensa: Jiena? Kemm hi tajba din!

In-nannu (Minn taħt ilsien): Għandna waħda!

Pawlu (Minn taħt ilsien): Żewġ xelin għar-riħ bla xita.

Ċensa: Dnub, jaħasra, sa nara mmurx, jien, għax sarli l-ħin. Aħjar tieħu xi ħaġa sħuna, Ġann, u tidħol fis-sodda. (Miexja l-barra) Jekk Alla jrid, ma jkollok xejn. Saħħa għalikom Saħħa Ġuż, saħħa Tereż.

(Titlaq)

In-nannu: Mur għand il-friegħen!

Pawlu: Melħ!

In-nannu: Melħ!

(Ġużeppa tiġri lejn il-kċina. In-nannu jgorr taħt ilsien fil-waqt li jtajjar it-tvalja minn fuqu.)

In-nanna: M'hemmx bżonn titkellem ħażin.

In-nannu: Min qed jitkellem ħażin.

In-nanna: Int.

(Tessa, imbiddla, ħutha jidħlu.)

Tessa: Marret?

Tommy: Marret, pa?

(Ġużeppa tasal mill-kċina b'ponn melħ li xxerred malkamra kollha.)

Ġużeppa (Lil Tessa): Dak is-sett magħdud, binti.

In-nanna: X'daqqa t'għajn tatu!

Tessa: Uff!

In-nannu (Mħasseb): Hu jew jiena!

Pawlu: Naraw. L-aħħar darba li rifset hawn qasam rasu Tommy.

In-nannu: It-tè kesaħ. Mur iftaħ lil Titina, Tommy.

(Iqum u jibda jfettet kisra ħobż fi skutella ħalib. Tommy oħroġ. Ġużeppa u ommha jibdew inaddfu l-mejda. Tessa

tagħmel biex tgħinhom u tressaq lejn il-mejda fejn hemm in-nannu jlesti l-ħalib għall-kelba.)

Pawlu: Warrab minn hemm. Trid ittabba dik il-libsa?

(Imidd idu biex iwarrab, jolqot it-*tea-pot*, u jkun sa jaqilbu. Ġużeppa tagħmel biex iżżommu, tolqot l-iskutella, u taqlibha fuq Tessa, itabbâlha d-dublett minn fuq s'isfel

Tessa (Twerżaq, imbagħad tgħajjat): Il-libsa il-ġdida!

Pawlu: Ma għedtlikx, jien, twarrab minn hemm? Ara, x'ħadt issa. Sħett libsa!

(Tessa taqbad tibki)

Tessa: Mhux int?!

(Tidħol il-kelba, li taqbad tilgħaq il-ħalib)

Pawlu (Imdagħdagħ) Iwa, jien? Jien, hux? Huwa..., huwa n-nies jidħlu fil-kċina bil-libsa t-tajba?

(Tessa tibki. Jasal Tommy.)

Tommy: X'ġara. ma? Ġużeppa (Lil Tessa): Mur biddel, ej, ħa noqrodhielek, forsi jmur.

(Iddoqq il-qampiena ta' barra. Il-kelba tinbaħ u toħroġ tiġri mill-bieb tan-nofs.)

Tommy: Ġej Ġorġ, ma! Sejjer niftaħlu.

Ġużeppa (Lil Tessa, li tkun tibki): Hawn Ġorġ. Sa toqgħod tnewwaħ? Mur biddel ħalli ma tħallihx jistenna.

(Tessa toħroġ tibki.)

In-nanna: Xi dnub!

(Ġorġ jidħol bil-kelba tifraħ bih u b'Tommy imdendel miegħu.)

Ġorġ (Li jkun jaf x'ġara minn għand Tommy): Kif tabbajt.... (jara li Tessa mhix hemm) Fejn hi Tessa?

Ġużeppa: Marret tbiddel. Ħalli mmur nara noqrodhielhiex. (Toħroġ mill-bieb tal-qiegħ.)

In-nannu: Ħaqq dik il-mingħula! Jekk tirfes hawn darba oħra...

(Ihedded bil-ponn.)

Ġorġ: Jiena ma kontx nemmen b'dawn il-bċejjeċ, imma meta tara b'għajnejk....

In-nanna: Tikber u titgħallem, ibni. Sa nagħmillek kikkra tè. Tieħu ħobż?

Ġorġ: Le, le, għadni kif kilt qassata.

(Mimma u Tommy jidħlu jiġru wara ballun, li jitgerbeb għal ħdejn waħda miż-żewġ saqajn ta' quddiem tax-xafunier. Mimma, li tilħqu l-ewwel, tfajjar daqqa ta' sieq, u flok il-ballun tolqot sieq ix-xafunier, li tinqala minn postha. Il-

fajjenza ċċekċek, ix-xafunier jixxengel: iżda Pawlu, li jkun ħdejh, jersaq malajr u jżommu dritt. L-oħrajn kollha jersqu bil-ħeffa lejn ix-xafunier fil-waqt li jgħajtu, ar' hemm ar' hemm! Mimma tibqa mismuta.)

Tommy: Pa, mhux jien!

(Mimma u Tommy jaħarbu.)

Pawlu (Jgħajjat): Hawn! ejjew 'l hawn!

(Iżda, m'għandniex xi ngħidu, it-tfal ma jobduhx. Ġorġ jitbaxxa biex iwaħħal is-sieq. Iżda Pawlu, biex jiġri wara wliedu, jgħidlu): Ħa, Ġorġ, żomm hawn!

Ġorġ: U ħallihom.

Pawlu: Żomm, Ġorġ!

(Ġorġ iżomm ix-xafunier, u Pawlu jagħnet għal wara wliedu. Minn ġewwa jinstama għajjat ta' Pawlu, u twerżiq tat-tfal. Ġużeppa tinstama' tgħajjat. X'ġara? x'ġara?)

In-nanna: Dawk it-tfal misħutin wisq.

In-nannu (b'saħħa): Dawk it-tfal imfissdin. Ibda minnek l-ewwel waħda!

Ġorġ (b'daħka): It-tifla l-aktar. Fuq ruħha wisq! Tridx iżżommli int, nann, ħalli nsewwi dik is-sieq?

In-nanna: Aħjar inpoġġi kollox fuq it-tvalja mill-ewwel. Dak mhux sod issa.

(Ġorġ u n-nanna jġorru il-bċejjeċ tal-fajjenza fil-waqt li n-nannu jżomm ix-xafunier.)

Ġorġ: Biż-ċajt ġejja l-lejla.

In-nannu: Tal-lejla għadha ma spiċċatx.

Pawlu (jinstama' jgħajjat minn ġewwa): Ħażin għalikom naqbadkom tilagħbu b'xi ballun darb'oħra!

(Ħoss ta' bieb jinstabat minn ġewwa. Skiet. In-nanna u Ġorġ spiċċaw iġorru l-affarijiet. Tidħol Tessa, li tkun biddlet, iżda b'xagħarha mħabbel u mhix lesta għal ħruġ. Għajnejha ħomor bil-biki.)

Ġorġ (fil-waqt li jitbaxxa u jwaħħal sieq ix-xafunier): Mela qiegħda tibki, uh!)

Tessa: Allura!

Ġorġ: Issa li hemm hemm· Għax ma tmurx tilbes ħa' noħorġu? Min ġej magħna llum?

(Tessa ma tweġibx)

In-nanna: Ej għax isir il-ħin.

Ġorġ; Tessa!

(Tessa terfa kitfejha.)

Ġorġ: Bil-geddum ?

Tessa ( tieħu għaliha ): Aħjar għalik !

Ġorġ: Mela ma noħorġu xejn illum ?

(Tessa tibqa siekta. Ġorġ jersaq lejha, jgħannaqha, iressaqha lejn iz-żewg siġġijiet, u t-tnejn joqogħdu bil-qiegħda. In-nannu joħroġ igerger mill-bieb tan-nofs. )

In-nanna: Bil-ħaqq, ma tajtekx it-te' lilek.

Ġorġ: Ma jimpurtax.

( Kif in-nanna ddur biex tagħmillu t-te', Ġorġ igħannaq lil Tessa u jagħmel biex ibusha. Iżda hi timbuttah u tgħidlu:

Tessa: Żul !

Ġorġ: Ih !

Tessa: Aħjar għalik !

Ġorġ: ( Jitilgħulu ): Int kull meta jagħtik ?

Tessa: Ma nafx !

Ġorġ: Kif, ma tafx ? In-nervi żommhom għal min jagħmilhomlok !

Tessa: Ma nafx, aħjar għalik ! hekk irrid !

( Taqbad tnewwaħ, tqum, u toħroġ mill-bieb tan-nofs. Tidħol Titina mill-bieb tan-nofs, u tersaq tilgħab ma' Ġorġ, li kif ikun imdagħdagħ, ixejrilha daqqa ta' sieq. Il-kelba tgħajjat u toħroġ tiġri mill-bieb tan-nofs. Skiet. Tidħol in-nanna.)

In-nanna: Ma hemmx kikkra nadifa. Ħa nieħu waħda minn hawn.

(Tersaq lejn il-vetrina u tieħu kikkra u plattin. )

In-nannu ( b'leħen ħelu, riesaq minn ġewwa lejn il-bieb tan-nofs, igħid lill-kelba, kif in-nanna tagħlaq il-vetrina. Jien biss li nħobbok ! Kemm inħobbha l-kelba tiegħi. Ejja m'hawn ħadd busni

( In-nanna ddur, wiċċha aħmar bħal peprina, tonfoħ u tmil lejn il-bieb.)

In-nanna (b'leħen għoli kif jidher in-nannu minn naħa tax-xellug): Ukoll fi xjuħitek, ja biċċa ta' xiħ l'int: (Kif tgħajjat dawn il-kliem twaddab b'kemm għandha saħħa l-kikkra li jkollha f'idejha għal-ras żewġha, li malajr jitlaq mn'idu l-kelba u biex jiżgiċċa, jersaq bil-ħeffa lejn ix-xellug, fejn hemm l-mwejda bis-sett il-ġdid fuqu, jolqtu, jaqilbu u tinn ! tamm ! pumm ! plaqq ! kollox tfarrak, u tal-lejla spiċċat ! )

Ġużè Diacono